MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 528/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jimmy Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jimmy Buhagiar talli fis-6 ta' April 2010 ghall-habta ta' 15:30 hrs waqt li kien fi Triq il-Pitiross, Fgura:

(1) volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

(2) ingurja u/jew hedded lil Charmaine Buhagiar, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

(3) kiser l-Ordni tal-Magistrati Malta deciza fis-26 ta' Jannar 2010 fejn huwa intrabat b'obbligazzjoni li ma jimmolestax lil Charmaine Buhagiar;

(4) sar recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti Magistrati Malta (Mgt. Dr. J. Apap Bologna) datata 26 ta' Jannar 2010 liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tigi mhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Novembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(e), 338(dd), 338(ee), 49, 50 u 387 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Jimmy Buhagiar hati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet u kkundannatu gimaghtejn detenzjoni, filwaqt illi ma sabitux hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Jimmy Buhagiaripprezentat fis-6 ta' Dicembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tirrevoka s-sentenza appellata jew (2) in difett tal-akkoljiment ta' l-ewwel domanda, f'kaz li jirrizulta li ma jikkonkorrux cirkostanzi li jiggustifikaw ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza, tinfliggi piena li tkun aktar idoneja ghal dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-kaz kien karatterizzat minn konflitt ta' provi. Martu setghet harrket lil ommha li kienet prezenti waqt l-incident sabiex tikkorroboraha, izda naqset milli taghmel dan. Mill-banda l-ohra l-appellant kien korroborat minn ommu u minn xhud barrani. Ghalhekk kellu jigi lliberat; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, jekk l-ewwel

Qorti kienet gustifikata li tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet, il-piena kienet eccessiva fid-dawl tal-fatt li gie lliberat mit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, li l-fedina penali ma tiddestax thassib u li l-imputazzjonijiet ma kinux ta' xi gravita` partikolari.

Fis-seduta tallum dehret Charmaine Buhagiar, mart l-appellant, assistita mid-difensur taghha, li ddikjarat li ma riditx tixhed konra zewgha.

L-unika prova ohra tal-prosekuzzjoni kienet tikkonsisti f'affidavit ta' P.S. 1495 J. Muscat rigward rapport li ghamlet lill-Pulizija l-istess Charmaine Buhagiar.

Ghaldaqstant hemm karenza assoluta ta' provi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, u, fl-assenza ta' provi, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minnhom u minn kull piena, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitux hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoniet u lliberatu minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------